SAN LAWRENZ

Il-minuti tal-erbgha u erbghin laqgha tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar il-Hamis, 29 ta' Mejju 2014 fil-5:30pm fl-Ufficju tal-Kunsill

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Formosa |
| Vici Sindku: | Anthony Cassar |
| Kunsilliera: | John Mercieca |
| | Mikelina Mercieca |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |
| Ambaxxattrici: | Renee' Formosa |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

## 3.0 Problemi konness mal-isqaq ta' Triq San Lawrenz

3.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt li l-ahhar sqaq li ghad fadal isir, dak ta' Triq San Lawrenz, qed jinholqu hafna problemi fih peress li hemm hafna sidien involuti u kulhadd qed jippretendi kumpens.

3.2 F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li ghandna nimxu ma kulhadd bhalma mxejna fuq sqaqien ohra u li ma ghandu jinghata l-ebda kumpens mill-Kunsill. Il-Kunsill ghandu jghin biss biex jigi akkwistat kumpens mill-gvern kemm il-darba huwa dovut lilhom.

3.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jkollu xi tip ta' konferma bil-miktub minghand l-avukat li s-sidien qed jirrilaxxjaw l-art qabel ma jinbeda x-xoghol.

## 4.0 Offterta ghall-kennies/handyman

4.1 Saret referenza ghall-offerta ta' handyman/kennies li regghet harget f'kull dar. Ghal din is-sejha ntefghet offerta wahda biss minghand is-Sur Vitor Formosa. Il-Kunsill qabel li s-Sur Formosa ghandu jibda jahdem 10 sighat fil-gimgha ghall-prezz ta' 6 euros fis-siegha b'effett immedjat. Saret lista ta' xogholijiet li ghandu jaghmel prezentament u sar qbil ukoll li kemm il-darba huwa juza l-vettura tieghu ghal xi transport ghandu jithallas 5 Euro ghal kull vieg.

## 5.0 Zjara tal-Ministru ghal Ghawdex fuq il-Progett Ekogozo

5.1 Saret referenza ghaz-zjara li l-Ministru ghal Ghawdex Anton Refalo ser jaghmel fuq il-progett tal-Underground Bring-in-Sites li huwa parti ffinanzjat mill-progett Ekogozo. Iz-zjara hija skedata ghas-16 ta' Gunju 2014 f'nofsinhar.

5.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jara li l-post ikun attrezzat ghal din l-okkazzjoni.

## 6.0 Diskussjoni dwar l-Ismijiet tal-Isqaqien.

6.1 Il-Kunsill iddiskusta proposta tal-ismijiet tal-Isqaqien sabiex immedjatament jigu mressqa quddiem il-Bord tal-Ismijiet tal-Isqaqien ghall-approvazzjoni taghhom biex eventwalment jigu ordnati l-plakek taghhom. Wara diskussjoni twila l-Kunsill qabel fuq dawn l-ismijiet:-

| | |
|---|---|
| Pjazza San Lawrenz | Pjazza San Lawrenz, Sqaq Nru 1, Id-Dahla ta' wara l-bjut |
| Trejqet l-10 t'Awwissu | Trejqet l-10 t'Awwissu, Sqaq Nru 1, Id-Dahla tal-Kuna |
| Dahlet Pawluzzu | Dahlet Pawluzzu, Sqaq Nru 1, Sqaq il-Hotba<br>Dahlet Pawluzzu, Sqaq Nru 2, Sqaq tal-Franciz<br>Dahlet Pawluzzu, Sqaq Nru 3, Sqaq ta' Sancier |
| Triq it-Torri | Triq it-Torri, Sqaq Nru 1, Sqaq San Lawrenz<br>Triq it-Torri, Sqaq Nru 2, Sqaq tal-Lewza<br>Triq it-Torri, Sqaq Nru 3, Sqaq ta' Verdala |
| Triq Wied Merill | Triq Wied Merill, Sqaq Nru 1, Sqaq ta' Galona<br>Triq Wied Merill, Sqaq Nru 2, Sqaq tal-Bilbla<br>Triq Wied Merill, Sqaq Nru 3, Sqaq ta' Majsi<br>Triq Wied Merill, Sqaq Nru 4, Sqaq taht l-Imnadar |
| Triq San Lawrenz | Triq San Lawrenz Sqaq Nru 1, Dahlet il-Gnien |

## 7.0 Pjan tal-pagamenti tal-hlas tal-Ufficju

7.1 Is-Segretarja proponiet li sabiex tigi evitata li l-Kunsill jiehu loan biex jixtri l-post, ta' min jipproponi mal-bejjiegh li l-post jithallas fuq medda ta' sentejn biex b'hekk il-Kunsill ihallsu eventwalment u ma jehilx imaxijiet. Il-proposta tghid li jinghata bilanc ta'

10,000 euros mal-konvenju u jithallsu pagamenti ta' 7,500 euro kull tlett xhur ghal sentejn biex b'hekk finalment jammontaw ghal 70,000 euro.

7.2 Sar qbil li ghandna ninfurmaw lill-bejjiegh b'din il-proposta kif ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ghall-approvazzjoni tieghu.

**8.0 Management Letter**

8.1 Giet diskussa l-Management Letter u sar qbil li ghandha tinghata risposta taghha kemm jista jkun malajr.

**9.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

9.1 Giet prezentata l-iskeda tal-pagamenti u gew approvati.

**10.0 Materji ohra**

10.1 Saret referenza ghall-istima tal-Bollards u wara li bghatna ghall-istimi, intefghu zewg offerti minghand Yamen Bakri ghall-prezz ta' 80.24 euro kull bollard u minghand Joe Grima ghall-prezz ta' 55 euro kull bollard. Il-Kunsill ghalhekk ghazel l-orhos offerta dik tas-Sur Joe Grima.

10.2 Saret referenza ghal-laqgha li ser issir mas-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo nhar il-Hamis, 12 ta' Gunju f'nofsinhar fl-ufficju tal-Kunsill taghna.

10.3 Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex isiru zewg mirja fi Trejqet l-10 t'Awwissu biex jigi evitat xi incident peress li bhalissa qed tintuza hafna.

10.4 Il-Vici Sindku Anthony Cassar talab sabiex l-bankina tal-ewwel sqaq fi Triq Wied Merill titranga ghat-tond bhal pjanta originali. Sar qbil li ghandha tingibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur u tal-perita.

10.5 Il-Kunsillier John Mercieca talab sabiex issir grada fi Triq il-Wileg ghax hemm il-periklu. Sar qbil li ghandha titkejjel u nordnaw wahda.

10.6 Is-Sindku rrefera ghall-fatt li l-organizzaturi tal-Youth Exchange ta' Cipru talbu sabiex bhala leader jmur ukoll is-Sur Noel Formosa peress li huwa ta kontribu kbir meta kien hawn l-Youth Exchange f'Ghawdex u xtaquh personalment jattendi. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni li jinbghat bhala leader.

Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

*Anthony Formosa*
*Sindku*

*Lucienne Haber*
*Segretarju Ezekuttiv*